MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2005

Rikors Numru. 943/2004

**Maltacom plc**

**vs**

**Brigitte-Anne Atwair**

Il-Qorti:

Rat l-att tar-rikors li bih is-socjeta' rikorrenti ppremettiet:

L-kawza fl-ismijiet *Maltacom plc* kontra *Brigitte-Anne Atwair* (Cit. Nru. 2914/97RCP) giet deciza min din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 1998, u fl-istess kawza l-konvenut kien gie kkundannat jhallas lill-*Maltacom plc* s-somma ta' Lm1472.84 (elf, erbgha mija, tnejn u sebghin liri Maltin u erbgha u tmenin centezmu), *in konnessjoni* mas-servizz telefoniku numru 451233 li kien installat fil-fond *'Nevada' Flat/3, Qawra Road, Qawra*, bl-imghax u bl-ispejjez.

Is-socjeta' *Maltacom p.l.c* illum issuccediet dik li qabel kienet il-Korporazzjoni *Telemalta* u ghalhekk hija l-istess socjeta' rikorrenti li llum ghandha interess fil-kawza indikata fl-ismijiet fuq premessi.

Mill-imsemmija somma l-konvenut ghadu ma hallas xejn, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-*sorte* fuq indikati, *oltre* Lm195.50 (mija, hamsa u disghin liri Maltin u hamsin centezmu) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument *"A"* kif ukoll Lm687.33 (sitt mija, sebgha u tmenin liri Maltin u tlieta u tletin centezmu), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-lum, u ghalhek l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' Lm2355.67 (elfejn, tlett mija, hamsa u hamsin liri Maltin u sebgha u sittin centezmu), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta' esponenti ghandha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti fil-waqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lill-intimata, li ma dehretx ghas-seduta, u naqset li tipprezenta risposta u hekk baqghet kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' rikorrenti;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-intimata tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------